SAN ĠWANN

**MINUTI**

**KUMITAT AMMINISTRATTIV KAPPARA**

**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**L-EWWEL LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU DISGHA**

**15 ta' Marzu, 2011**

Il-Kumitat Amministrattiv tal-Kappara iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali San Ġwann li jinsab fl-indirizz 55, Triq R. Caruana Dingli, San Ġwann fis-6.25 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Iċ-*Chairperson* Dr Frank Bartolo u l-Membri Alfred Mangion u Robert Vella Bonnici.

**SKUZATI**

Il-Viċi *Chairperson* Peter Calleja u l-Membru Janet Barthet.

**UFFIĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Adrian Mifsud.

**MINUTI**

Ic-*Chairperson* Dr Frank Bartolo ppresjeda.

## 9.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

9.1.1 Il-Kumitat ikkunsidra l-Minuti tat-tmien laqgħa tal-Kumitat.

9.1.2 Il-Membru Alfred Mangion ressaq din l-emenda:

9.1.3 "Il-Kumitat jaqbel illi f'minuta 8.4.3 bejn il-kliem "illi" u "r-rakomandazzjonijiet" tidhol il-kelma "tintlaqa", illi l-kelma "li" tithassar u tigi mibdula bil-kelma "biex" filwaqt li l-kelma "fin-" tigi mibdula bil-kelma "bin-" u flok il-kliem "kif ukoll" tidhol il-kelma "peress".

9.1.4 Din l-emenda kienet issekondata mic-Chairperson u ghaddiet unanimament.

9.1.5 Il-Membru Alfred Mangion ressaq din il-mozzjoni:

9.1.6 "*Il-Kumitat japprova l-Minuti tat-tmien seduta kif emendati.*"

9.1.7 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Membru Robert Vella Bonnici u approvata unanimament.

## 9.2 Kommunikazzjoni miċ-*Chairperson*

9.2.1 Ic-Chairperson gharraf lil Kumitat bil-laqgha li kienet inzammet mal-Avukat tal-Kunsill fir-rigward tal-offerta dwar it-tisbieh ta' Gnien G.M. Camillieri, li minnha rrizulta li anke fuq il-parir legali, li gie pprezentat waqt il-laqgha, il-Kumitat ma kienx agixxa kontra l-Ligi.

9.2.2 Il-Kumitat, filwaqt li unanimament qabel mal-parir tal-Avukat, tenna li dan ghandu jigi trasmess lil Kunsill.

9.2.3 Kien hemm ukoll qbil li jsir komunikat mal-Perit tal-Kunsill sabiex jigu vverifikati l-bankijiet pprezentati mill-irhas offerent sabiex issir ir-rakomandazzjoni finali tieghu u b'hekk tkun moghtija r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat lil Kunsill ghall-implimentazzjoni tal-progett.

9.2.4 Il-Kumitat kien infurmat li saret prezentazzjoni ta' €1000 mis-Segretarjat Parlamentari responsabbli mill-Kunsilli Lokali lil lokalita tal-Kappara ghall-iskema "Lokalitajiet Indaf".

9.2.5 Kien hemm qbil li ssir notice board eletronika fil-vicinanza tal-Gnien, fejn ser ikun hemm ukoll il-possiblita ta' ghajnuna finanzjarja minghand GreenMT.

9.2.6 Fir-rigward ta' talba ghal permess ghal xoghlijiet ta' mejnijiet tal-ilma numru 179/2011, peress li ma kienx hemm imnizzel fuq l-applikazzjoni min ser ikun il-kuntrattur, il-Kumitat qabel li tintalab laqgha mal-WSC.

**9.3 Diskussjoni: Bollards fi Triq Antionio Schembri u pendenzi ohra ma' MT**

9.3.1 Il-Kumitat kien infurmat li l-proposta biex isiru bolllards fi Triq Antonio Schembri kienet irrifjutata minn TM.

9.3.2 Il-Kumitat sema d-diversi interventi li saru mill-Membri sabiex tinghata spjegazzjoni cara ghal dan ir-rifjut kif ukoll sabiex issir diskussjoni mill-gdid ma TM f'dan ir-rigward.

9.3.3 Kien hemm qbil ukoll illi jkun hemm talba ghal decizjoni finali minghand TM fir-rigward ta' talba ghal zebra crossing fi Triq Birkirkara.

9.3.4 Iċ-*Chairperson* għalaq il-laqgħa fis-7.00 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum __ April, 2011

| | |
|---|---|
| Dr Frank Bartolo | Adrian Mifsud |
| *Chairperson* | Segretarju Eżekuttiv |